RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa F40**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Hamis 8 ta' Marzu 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F38**

1.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F38 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Vici Sindku Doris Coleiro Grech. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F38

**2.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F39**

2.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta b'urgenza numru F39 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Antoine Borg. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha b'Urgenza F39

**3.00 Korrezzjonijiet F38**

3.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. Korrezzjonijiet F38

**4,00 Korrezzjonijiet F39**

4.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. Korrezzjonijiet F39

KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| **5.00** | **Punti li johorgu mill-Minuti F38** | |
| 5.01 | 3.02 Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha li x-xogholijiet infrastrutturali fi Triq Doni l-Qadima kienu waslu fil-fazi finali taghhom. | Xogholijiet infrastrutturali Triq San Martin u Triq Doni l-Qadima |
| 5.02 | 3.06 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-mera ta' Triq il-Buskett qabel ma tibda n-nizla tal-buskett kienet saret. | Mera go Triq il-Buskett |
| **6.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza** | |
| 6.01 | Is-Sindku Alexander Craus irrimarka dwar il-fatt li waqt l-'audit' tal-Kunsill l-impjegati kollha tal-Kunsill hadmu id f'id mas-Segretarju Ezekuttiv tant li kull rikjesta tal-awditur giet imwiegba bla problem ta' xejn. Huwa kompla li kollox jindika li l-awditur kien sodisfatt hafna mill-mod ta' kif kienu organizzati l-affarijiet. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv u l-haddiema tal-Kunsill ghar-rispett u d-dedikazzjoni fuq ix-xoghol taghhom kemm lejn il-Kunsilliera personali kif ukoll lejn il-Kunsill Lokali, li wara kollox huma parti minnu. | Apprezzament mis-Sindku lejn l-amministrazzjoni tal-kunsill |
| 6.02 | Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li l-kunsill kien ircieva invit mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affariiet Rurali ghal inawgurazzjoni ta' Misrah St. Wistin. Hu kompla billi qal li l-Kunsilliera u l-Membri tal-Kumitati Amministrattivi flimkien mal-familjari taghhom huma lkoll mistiedna ghal din l-inawgurazzjoni li ser issir nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu. | Inawgurazzjoni Misrah St. Wistin |
| 6.03 | Is-Sindku nforma il-laqgha li t-TCTC kienet ser terga torganizza l-korsijiet tal-komputer ghat-tfal bl-isem 'iKIDS'. Hu qal li s-sajf li ghada kien hemm konkorenza kbira ghal dawn il-korsijiet u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jerga joffri dawn il-korsijiet lit-tfal rabtin. Il-Kunsillier Paul Grech isseconda din il-proposta. Il-Kunsill approva Nem.Con. | Korsijiet tal-komputer 'iKIDS' |
| 6.04 | Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva ittra minghand l-ex kuntratturi tal-kunsill l-JD Lifts Supplies Ltd, dawn kienu ghamlu tiswijiet fuq il-'lift' tal-'polyclinic' u minkejja dan xorta wahda ma kienx qed jahdem sew. Peress li l-Kunsill ma kienx hallashom ghal dan ix-xoghol, huma qed jitolbu li mill-kont taghhom jittnaqqsu l-ispejjez li l-Kunsill hallas lil terzi biex il-lift seta jithaddem u nghaddulhom il-bilanc. Il-Kunsill ma qabilx mat-talba taghhom u gie deciz li dan il-kont ma jithallas. | Kont pendent JD Lifts Supplies Ltd. |
| **7.00** | **Komunikazzjoni mil-Kunsilliera** | |
| 7.01 | Il-Kunsillier Robert Micallef ir-rapporta li hemm bozza maqtugha Triq San Pawl hdejn il-knisja ta' Duna. | Bozza maqtugha Triq San Pawl |
| 7.02 | Il-Kunsillier Robert Micallef ir-rapport li l-mera li kien hemm go Triq San Bastjan hdejn Camilleri Paris Mode m'ghadiex hemm u fadal biss l-arblu. | Mera nieqsa go Triq San Bastjan |
| 7.03 | Il-Kunsillier Robert Micallef qal li go Triq l-Mithna hemm xi hofor kbar li hemm bzonn li jigu irrangati. | Hofor go Triq l-Mithna |
| ** | Il-Kunsillier Rudolf Grima dahal ghal-laqgha fis-7.55 p.m. | |
| 7.04 | Il-Kunsillier Antoine Borg ir-rapporta li hemm hofra kbira go Triq is-Salvja hdejn | Hofra go Triq is-Salvja u go Triq |

il-knisja tan-nigret u xi hofor ohra go Triq Mons. Buhagiar. — Mons Buhagiar

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat l-laqgha li l-hofra ta' Triq is-Salvja ser tigi irrangata fil-granet li gejjin.

7.05 Il-Kunsillier Rudolf Grima nforma l-kunsill li ghalliem tal-'Aikido' kien avvicinah u wera x-xewqa li jibda jorganizza lezzjonijet tal-Aikido b'kollaborazzjoni mal-kunsill. — Lezzjonijiet tal-'Aikido'

Is-Sindku Alexander Craus talab lil Kunsillier Grima biex jaghmel appuntament ma dan l-ghalliem halli jiltaqa mal-kunsill.

7.06 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li fil-Pjazza ta' San Katald hdejn l-'Grapes' hemm il-madum kollu qed jiccaqlaq. Hu kompla billi qal li hemm bzonn li issir sodda soda taht dan il-madum. — Madum jiccaqlaq fil-Pjazza ta' San Katald

**8.00 Rizenja tal-Kunsillier is-Sur Frans Chircop**

8.01 Is-Sindku Alexander Craus qara l-ittra ta' rizenja tal-Kunsillier Frans Chircop. Hu kompla billi rringrazzja lis-Sur Chircop ghal hidma tieghu fi hdan il-kunsill u awguralu kull success fil-kariga l-gdida tieghu. Is-Sindku ssugerixxa li ghanda tintbghat kartolina ta' ringrazzjament lis-Sur Chircop. Il-Kunsill qabel. — Rizenja tal-Kunsillier Frans Chircop

**9.00 Quarterly Financial Statements (Ottubru – Dicembru)**

9.01 Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sna Orietta Masini Cardona pprezentat il-'Quarterly Financial Report' (Ottubru – Dicembru). — 'Quarterly Financial Statements' (Ott-Dic)

Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-'Quarterly Report' jigi approvat hekk kif ipprezentat. Issekondat din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Kopja ta' dan il-'Quarterly Report' tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**10.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

10.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 206 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. — L-iskeda tal-hlasijiet numru 206

10.02 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat l-laqgha li l-'Fixed Asset Register' issa kien gie pprezentat u allura l-kont numru 3200, tas-Sur Paul Mifsud li kien gie mizmum f'seduta F23 tat-23 ta' Marzu 2011 issa seta jigi approvat. Il-Kunsill approva Nem.Con. — Kont numru 3200

**11.00 Minuti Kumitat Amministattiv Virtu A17**

11.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A17 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Virtu A17

** Il-Kunsillier Paul Grech talab li jigi skuzat fis-8.30 p.m.

**12.00 Ghazla tat-Tender ghal provista u tqeghid ta' blokkok ta' pavimentar tal-konkos – RLC/T/0104/2012**

Is-Sindku pprezenta t-tender RLC/T/0104/2012 – Tender ghal provista u tqeghid ta' blokkok ta' pavimentar tal-konkos. Huwa spjega li it-tender infetah il-Erbgha 7 ta' marzu, bi procedura normali, u peress li kien hemm l-urgenza biex dawn ix-xogholijiet jibdew mil-aktar fis possibli biex ma jintilfux il-flus allokati lil kunsill, huwa qed jipproponi li t-tender jigi diskuss u decizz waqt din il-laqgha tal-kunsill.

**Ghazla tat-Tender ghal provista u tqeghid ta' blokkok ta' pavimentar tal-konkos – RLC/T/0104/2012**

Is-Sindku pprezenta r-rapport ta' aggudikazzjoni mhejji mil-perit tal-kunsill –MED Design Associates, fejn dan qed jghid li minkejja li l-offerta ta' 'Stone Arts' mhix l-irhas wahda, xorta wahdi hija l-aktar wahda vantagjuza. Fir-rapport il-perit irrimarkat ukoll li z-zewg kuntratturi l-ohra li tefghu l-offerti taghhom, wiehed ma ssodisfaxx il-kriterji mitluba mil-kunsill ghaliex tefgha rati fuq blokkok tal-konkos ta' kulur griz biss u l-iehor skond l-perit ix-xogholijiet tieghu ma kienux ta livell mixtieq. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill qabel li ghandu joqghodu fuq ir-rakomandazzjoni tal-perit tal-kunsill. Il-Kunsill qabel Nem.Con

**13.00 Aggornament**

13.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 29 ta' Marzu 2012 fis-7.00 p.m.

Aggornament

13.02 Il-laqgha ntemmet fil-8.45 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**